MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**LINO FARRUGIA SACCO**

Seduta tat-13 ta' Frar, 2007

Citazzjoni Numru. 572/2006

Maria Falzon
vs
Carmela Falzon bhala eredi ta' Lorenzo u Maria konjugi Falzon

Il-Qorti,

**A. RIKORS:**

Rat ir-rikors tar-rikorrenti li bih esponiet:

Illi ghal snin twal, ir-rikorrenti kienet rendiet servizzi u pprestat servigi lill-genituri taghha u cioe` Lorenzo Falzon u Maria Falzon li ghal perjodu twil lejn l-ahhar ta' hajjithom kienu ***bed ridden***.

Illi sabiex ir-rikorrenti hadet hsieb u daret bl-istess genituri taghha hija la qatt setghet tfittex xoghol u lanqas tillarga mid-dar bhala hrug kif ukoll bhala safar.

Illi l-ġenituri tagħha dan kollu dejjem kienu rrikonoxxewh u dejjem wegħduha li wara ħajjithom il-fond 17 (sbatax) Pjazza Marija Bubaqra Żurrieq, dak iż-żmien ir-residenza tagħhom, kienu ser iħalluhulha bħala kumpens.

Illi in vista ta' din il-wegħda r-rikorrenti qatt ma kienet tħallset jew ġiet mogħtija xi forma ta' kumpens għas-servigi prestati u servizzi resi u qatt ma kienet tħallset għall-ispejjes li kienet għamlet.

Illi skond testament tas-16 (sittax) ta' Ottubru 1998 fl-atti tan-Nutar Dr. Mario Bugeja l-ġenituri tal-kontendenti effettivament kitbu u ħallew il-fond 17 (sbatax) Pjazza Marija Bubaqra Żurrieq b'kull ma kien hemm ġol fond mil-għatba 'l ġewwa "ad limine intus" lir-rikorrenti.

Illi l-intimata kienet l-unika eredi tad-defunti konjuġi Falzon stante li l-eredi l-oħra kollha kienu rrinunzjaw għall-eredita` tal-ġenituri tagħhom.

Illi l-intimata kienet ġiet debitament interpellata sabiex tersaq u timmitti fil-pussess lir-rikorrenti in linea ma' dak li kienu ppromettew u attwalment riedu l-ġenituri tagħha u cioe` li l-kumpens ossia ħlas għal dak kollu li binthom kienet għamlet u wettqet magħhom tul ħajjithom ikun il-fond 17 (sbatax) Pjazza Marija Bubaqra Żurrieq, iżda l-intimata kienet baqgħet inadempjenti.

Ir-rikorrenti talbet lill-Qorti:

1. Tiddikjara li r-rikorrenti daret, ħadet ħsieb, irrendiet servizzi u pprestat servigi lill-ġenituri tagħha Lorenzo u Maria Falzon.

2. Tiddikjara li l-legat imħolli lir-rikorrenti permezz tat-testment tas-16 (sittax) ta' Ottubru 1988 fl-atti tan-Nutar Dr. Mario Bugeja konsistenti fil-fond 17 (sbatax) Pjazza Marija Bubaqra Żurrieq huwa wieħed rimuneratorju għal dak kollu li r-rikorrenti għamlet magħhom tul ħajjithom kif aktar 'il fuq indikat u konsegwentement tiddikjara li l-ammont dovut in linea tas-servigi u servizzi

resi u prestati huwa likwidabbli fil-prezz tal-legat imholli favur ir-rikorrenti.

3. Tiddikjara li l-intimata hija responsabbli sabiex tara li dak li l-genituri weghdu bhala rimunerazzjoni lir-rikorrenti jigi mghoddi u trasferit lilha.

4. Tikkundanna lill-intimata sabiex tersaq ghall-pubblikazzjoni ta’ l-att ta’ l-immissjoni fil-pussess tal-fuq imsemmi fond u dan in linea max-xewqa u rieda tal-genituri taghhom kif indikat fit-testment gia indikat.

5. Tiffissa jum, hin u lok ghall-pubblikazzjoni ta’ l-istess kuntratt relattiv notarili u tahtar Nutar Pubbliku biex jippublika l-kuntratt relattiv u okkorendo tinnomina kuraturi sabiex jirraprezentaw lill-intimata fl-eventwalita` ta’ kontumacja.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta’ l-ittra ufficjali tat-3 ta’ Gunju 2004 u b’riserva ghal kull azzjoni ta’ danni spettanti lir-rikorrenti kontra l-intimata li giet ingunta in subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda u d-dokument prezentati mir-rikorrenti.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet l-abili difensuri.

Ikkunsidrat

**B. PROVI:**
Rat illi fl-20 ta’ Novembru 2006 l-intimata pprezentat nota ta’ ammissjoni.

**C. KONKLUZJONIJIET:**
Illi ghalhekk fuq ammissjoni t-talbiet tar-rikorrenti jidhru gustifikati u l-Qorti qed tilqaghhom billi:

**C1.** Tiddikjara li r-rikorrenti daret, hadet hsieb, irrendiet servizzi u pprestat servigi lill-genituri taghha Lorenzo u Maria Falzon.

**C2.** Tiddikjara li l-legat imholli lir-rikorrenti permezz tat-testment tas-16 (sittax) ta' Ottubru 1988 fl-atti tan-Nutar Dr. Mario Bugeja konsistenti fil-fond 17 (sbatax) Pjazza Marija Bubaqra Zurrieq huwa wiehed rimuneratorju ghal dak kollu li r-rikorrenti ghamlet maghhom tul hajjithom kif aktar 'il fuq indikat u konsgwentement tiddikjara li l-ammont dovut in linea tas-servigi u servizzi resi u prestati huwa likwidabbli fil-prezz tal-legat imholli favur ir-rikorrenti.

**C3.** Tiddikjara li l-intimata hija responsabbli sabiex tara li dak li l-genituri weghdu bhala rimunerazzjoni lir-rikorrenti jigi mghoddi u trasferit lilha.

**C4.** Tikkundanna lill-intimata sabiex tersaq ghall-pubblikazzjoni ta' l-att ta' l-immissjoni fil-pussess tal-fuq imsemmi fond u dan in linea max-xewqa u rieda tal-genituri taghhom kif indikat fit-testment gia indikat.

**C5.** Tiffissa l-14 ta' Marzu 2007 fil-11.00 a.m. fil-Qorti Superjuri bhala l-jum, hin u lok ghall-pubblikazzjoni ta' l-istess kuntratt relattiv notarili u tahtar Nutar Pubbliku lin-Nutar Maria Spiteri biex tippublika l-kuntratt relattiv u okkorendo tinnomina kuraturi sabiex jirraprezentaw lill-intimata fl-eventwalita` ta' kontumacja, lil Dr. Wayne Pisani.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tat-3 ta' Gunju 2004 kontra l-intimata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------